

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/2013

tal-15 ta' Novembru 2021

**li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni <sup>(1)</sup>,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Spanjol,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fit-28 ta' Mejju 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/731 <sup>(2)</sup>, li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni u abbażi ta' dan għe propost għall-ħatra s-Sur Bernat SOLÉ BARRIL.
- (4) Konsegwentement għal tmiem il-mandat sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni u abbażi ta' dan għet propost għall-ħatra s-Sa Elisabet NEBREDA VILA.
- (5) Il-Gvern Spanjol ippropona lis-Sa Victòria ALSINA I BURGUÉS, rappreżentanta ta' korp reġjonali jew lokali li hija politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Consejera de Acción Exterior y Gobierno Abierto, Gobierno de la Generalitat de Cataluña* (Ministru Reġjonali għall-Azzjoni Barranija u Gvern Miftuħ, Gvern tal-Katalonja), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.
- (6) Il-Gvern Spanjol ippropona lis-Sur Gerard Martí FIGUERAS I ALBA, rappreżentant ta' korp reġjonali jew lokali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Secretario de Acción Exterior del Gobierno, Gobierno de la Generalitat de Cataluña* (Segretarju għall-Azzjoni Barranija tal-Gvern, Gvern tal-Katalonja), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korp reġjonali jew lokali li huma politikament responsabbli quddiem assemblea eletta huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

<sup>(1)</sup> ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

<sup>(2)</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/731 tat-28 ta' Mejju 2020 li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 172 I, 3.6.2020, p. 3).

(a) bħala membru:

— Is-Sa Victòria ALSINA I BURGUÉS, *Consejera de Acción Exterior y Gobierno Abierto, Gobierno de la Generalitat de Cataluña* (Ministru Reġjonali għall-Azzjoni Barranija u Gvern Miftuħ, Gvern tal-Katalonja),

u

(b) bħala membru supplenti:

— Is-Sur Gerard Martí FIGUERAS I ALBA, *Secretario de Acción Exterior del Gobierno, Gobierno de la Generalitat de Cataluña* (Segretarju għall-Azzjoni Barranija tal-Gvern, Gvern tal-Katalonja).

#### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2021.

Għall-Kunsill  
Il-President  
J. PODGORŠEK